PARLAMENT EWROPEW

EDIZZJONI SPEĊJALI

# KUNSILL EWROPEW
# 16 u 17 ta' Ġunju 2005
# Brussell

**DISKORS TAL-PRESIDENT, JOSEP BORRELL FONTELLES**
**KONKLUŻJONIJIET TAL-PRESIDENZA**



02/S-2005

*Direttorat Ġenerali għall-Presidenza*

**MT** **MT**

**(Intranet) http://www.europarl.ep.ec/bulletins (Special Edition 2005)**
**(Internet) http://www.europarl.eu.int/bulletins (Special Edition 2005)**

**\\EPADES\PUBLIC\SOMMET\2005**

## DISKORS TAL-PRESIDENT TAL-PARLAMENT EWROPEW LILL-KUNSILL EWROPEW FIS-16 U 17 TA' ĠUNJU, 2005

Sinjuri Membri tal-Kunsill Ewropew,

Qed niltaqgħu f'mument diffiċli għall-Kostituzzjoni Ewropea.

Tnejn mill-Istati fundaturi vvotaw b'maġġoranza kbira kontra l-abbozz tat-Trattat Kostituzzjonali li intom iffirmajtu u li l-Parlament Ewropew approva b'maġġoranza kbira.

Naħseb li r-raġunijiet li minħabba fihom aħna konna konvinti li dan it-test jikkonstitwixxi bażi aħjar biex l-Ewropa mkabbra tiffunzjona b'mod iktar effiċjenti u demokratiku għadhom validi.

Imma huwa evidenti li ħafna miċ-ċittadini tagħna m'humiex ta' l-istess fehma.

Illum ħadd, u lanqas il-Parlament Ewropew, m'hu f'kundizzjoni li joffri analiżi definittiva tas-sitwazzjoni, u lanqas li jipproponi soluzzjonijiet mirakolużi.

Intom iffirmajtu t-Trattat u, għalhekk, intom responsabbli biex tiddeċiedu fuq il-futur tiegħu.

Imma aħna, l-Istituzzjonijiet Ewropej u l-Gvernijiet nazzjonali, ilkoll għandna r-responsabilità li nsibu soluzzjoni għall-kriżi ta' identità li qed taffettwa l-proġett Ewropew f'ħafna pajjiżi.

L-ewwelnett, ippermettuli ngħid ftit kliem fuq id-deċiżjonijiet li se jkollkom tieħdu fis-sigħat li ġejjin u li jridu jkunu ċari għaċ-ċittadini.

Il-mistoqsija prinċipali li kulħadd qed isaqsi hi: il-proċess ta' ratifikazzjoni tal-Kostituzzjoni għandu jkompli jew le?

Il-Kunsill jista' jiddeċiedi li l-abbozz Kostituzzjonali diġà miet.

Kull ma jkun hemm bżonn hu li Stat wieħed jiddikjara formalment li mhux se jkompli bir-ratifikazzjoni tat-Trattat.

Imma, illum ħadd ma ppropona dan, lanqas Franza jew l-Olanda, li mingħajr l-ftehim tagħhom kulħadd jaf li t-Trattat ma jistax jidħol fis-seħħ.

Jew inkella intom tistgħu tiddeċiedu li l-proċess ta' ratifikazzjoni jkompli, forsi billi nagħmlu l-kalendarju ta' din ir-ratifikazzjoni iktar flessibbli u billi nifthu perjodu ta' iktar riflessjoni, dibattitu u spjegazzjonijiet.

Din hi l-perspettiva l-iktar preferuta tal-Parlament Ewropew, li kkunsidra sew li ħafna pajjiżi diġà rratifikaw it-Trattat Kostituzzjonali, wieħed minnhom permezz ta' referendum.

Bħala rispett demokratiku għal dawn il-pajjiżi, u għal dawk li għadhom m'għamlux dan, il-maġġoranza tal-Parlament Ewropew temmen li l-Istati kollha għandhom ikunu jistgħu jesprimu l-opinjoni tagħhom wara li jiġi aġġustat il-kalendarju.

Jekk intom tiddeċiedu li jsir hekk, imissna nużaw tajjeb dan il-perjodu addizzjonali ta' dibattitu u riflessjoni, u b'hekk nevitaw li l-"istop and go" ikollu iktar "stop" milli "go". Ippermettuli ninsisti li, b'pawża jew mingħajrha, il-maġġoranza tal-Parlament Ewropew hi favur il-kontinwazzjoni tal-proċess.

Ippermettuli wkoll ngħidilkom dak li fil-fehma tiegħi m'għandnix nagħmlu:

- Li nħallu li l-pessimiżmu jinvadina u naċċettaw li l-proġett Ewropew sejjer lura. Dan ikun ifisser li nilagħbu l-logħba tal-populiżmu, li jerġa' jqum in-nazzjonaliżmu u li nirtiraw għalina waħedna.

- Li naġixxu daqs li kieku ma ġara xejn. Bil-kontra, se jkollna bżonn nanalizzaw fil-fond ir-raġunijiet li wasslu għall-każi differenti ta' vot "Le".

- Li nitolbu pawsa, mingħajr ma niddefinixxu l-limiti tagħha u mingħajr ma nispjegaw x'nixtiequ li jsir fiha.

- Li nibdew inħottu l-'acquis commaunitaire', li huwa proprju dak li qed nitolbu lill-Istati Membri li jadottaw.

- Li nħallu d-dibattitu f'idejn l-esperti, f'idejn personalitajiet li suppost "jafu", jew li noħolqu b'mod mgħaġġel strutturi istituzzjonali li jkunu diffiċli biex tmexxihom.

- Li nidħlu fl-inġinjerija jew fi tbagħbis legali. L-abbozz Kostituzzjonali jrid jiġi kkunsidrat bħala ħaġa waħda li fiha kull element jintrabat ma' l-elementi l-oħra, permezz ta' bilanċ delikat, li ġie nnegozjat fit-tul. Pereżempju: iktar minn terz ta' l-Artikoli ta' l-ewwel parti jirreferu għat-tielet parti.
  Xi partijiet tal-Kostituzzjoni ma jirrikjedux li t-Trattati jiġu modifikati, imma jinżamm bilanċ permezz ta' partijiet oħra li jirrikjedu dan. Irridu noqogħdu attenti li ċ-ċittadini ma jaħsbux li qed infarrku biċċa biċċa l-proġett, u li qed ninjoraw il-votazzjoni tagħhom, pożittiva jew negattiva, għat-totalità tal-proġett.

Evidentement, hija r-responsabilità ta' Franza u ta' l-Olanda li jagħtuna l-analiżi tagħhom tar-riżultat tar-referenda tagħhom. Madankollu, wara li pparteċipajt fir-referendum ta' pajjiżi, Spanja, u ta' Franza u ta' l-Olanda, nemmen li:

1. Hi ħaġa pożittiva li ċ-ċittadini interessaw ruħhom, b'ħeġġa kbira wkoll, fil-kwistjoni Ewropea. Hemm bżonn li nkomplu d-dibattitu magħhom u li napprofittaw minn dan il-prinċipju ta' "ewropeizzazzjoni tal-politika".

2. Ir-rifjut kien iktar dirett lejn l-Ewropa li diġà teżisti milli lejn dik li qed tiġi proposta.

Kien hemm diskussjonijiet mill-ġdid fuq it-Trattati ta' Amsterdam u ta' Maastricht (parti III) iktar milli l-elementi ġodda tat-Trattat Kostituzzjonali (partijiet I u II).

3. Ġie ivvutat iktar kontra l-kuntest milli kontra t-test.

U dan il-kuntest kien:

3.1. it-tkabbir, jew aħjar it-tkabbir diġà approvat u mħabbar.

3.2. in-nuqqas ta' tweġiba Ewropea għall-impatt tal-globalizzazzjoni u għall-impatt tagħha fuq l-istrutturi soċjali tagħna.

3.3. il-perspettiva differenti, jew id-diverġenzi, li għandhom iċ-ċittadini, il-gruppi politiċi tagħhom u l-istituzzjonijiet rappreżentattivi tagħhom dwar il-proġett Ewropew

Bir-raġun jew mingħajru, ħafna mill-elettorat, b'mod partikulari ż-żgħażagħ, ħasbu li dan l-abbozz Kostituzzjonali mhux se jġib soluzzjonijiet effikaċi għall-problemi tat-tkabbir u tax-xogħol, daqs li kieku l-Ewropa kienet iż-żiemel ta' Trojja tal-globalizzazzjoni mmexxija ħażin, jew daqs li kieku kienet responsabbli għaċ-ċaqliq jew għall-imigrazzjoni massiva.

Oħrajn jaħsbu li l-Ewropa hija rregolata żżejjed, jew tqum wisq flus jew iġġegħelhom jibżgħu li jitilfu l-identità nazzjonali tagħhom.

Il-ħolma Ewropea, ibbażata fuq il-paċi, id-demokrazjija u l-koperazzjoni, saret realtà. U għalhekk ma baqgħetx ħolma li tispira.

L-Ewropa hi storja ta' suċċess. Imma dan is-suċċess jista' joqtolha jekk il-biżgħat il-ġodda jkunu iktar b'saħħithom mill-ħolm l-antik.

Hemm bżonn li nsibu raġunijiet ġodda biex il-proġett ta' l-Ewropa mkabbra jerġa' jkun jista' jispira lill-Ewropej.

Xi punti ta' riflessjoni u/jew ta' azzjoni għall-futur

Liema jistgħu jkunu l-punti ta' riflessjoni jew ta' azzjoni għax-xhur li ġejjin?

- L-ewwelnett, l-Istituzzjonijiet Ewropej kollha u l-Gvernijiet nazzjonali jridu jagħtu messaġġi pożittivi dwar il-valur Ewropew miżjud, speċjalment fil-qasam ekonomiku u soċjali jew tas-sigurtà.

Pereżempju, kif nistgħu ma napprezzawx l-azzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea, li żgur jinsabu fl-aġenda ta' llum, dwar il-kwistjonijiet ta' ġlieda kontra t-terroriżmu, ta' l-iffissar ta' sistema komuni ta' viżi, ta' politika komuni dwar il-ħarsien ta' l-informazzjoni, jew tal-miżuri ta' koperazzjoni fil-qasam ġuridiku ċivili u kontra l-imigrazzjoni illegali?

U kif nistgħu ninsew il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ħolqien ta' aġenziji għall-ħarsien tad-drittijiet fundamentali? Hemm bżonn li nerġgħu nagħtu ħajja lill-aġenda ta' The Hague u li nispjegawha iktar u aħjar liċ-ċittadini tagħna.

Tkun ukoll ħaġa tajba li kieku l-ministri jieqfu jwaħħlu fi Brussell għal dak li għandu x'jaqsam mal-problemi nazzjonali kollha u li, meta joħorġu mil-laqgħat tal-Kunsilli ma jirreferux sistematikament għal min rebaħ u għal min tilef.

U dan jgħodd ukoll għad-diskussjoni li intom se jkollhom dwar il-prospettivi finanzjarji.

Fi ftit żmien il-Parlament se jivvota dwar leġiżlazzjoni importanti, li diġà kellha effett qawwi fuq il-kampanji tar-referenda, bħall-abbozzi ta' Direttivi dwar il-liberalizzazzjoni tas-servizzi u dwar il-ħinijiet tax-xogħol.

Id-dibattitu dwar dawn il-kwistjonijiet se jkun it-tkomplija tad-dibattitu li sar dwar l-abbozz Kostituzzjonali.

Il-Parlament jemmen fi djalogu pożittiv bejn l-Istituzzjonijiet, u b'mod speċjali bil-Presidenza futura tar-Renju Unit.

Wara kollox kwistjonijiet kbar:, sabiex niffaċċjaw il-kuntest li ħoloq il-"le", hemm bżonn nindirizzaw żewġ

- <u>Il-fruntieri ta' l-Ewropa</u>.

Jeżistu jew le? Jekk jeżistu, liema huma? Jekk le, għaliex? Liema huma l-interessi ġeostrateġiċi ta' l-Ewropej? Kif għandna noħolqu dibattitu dwarhom maċ-ċittadini?

F'dan id-dibattitu hemm bżonn nagħmlu distinzjoni bejn ir-"rijunifikazzjoni ta' l-Ewropa", li kkarakterizzat l-aħħar tkabbir, u t-tkabbir tal-futur.

- <u>Il-mudell tas-soċjetà Ewropea</u>.

Minflok ma nopponu mudelli kulturali, ekonomiċi, soċjali u politiċi, li mhux bilfors iridu jkunu identiċi, nistgħu naqblu fuq it-tweġiba Ewropea għall-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tal-globalizzazzjoni, billi ninspiraw ruħna mill-esperjenzi pożittivi u negattivi ta' xi wħud?

- Għal dan kollu, il-Parlament jista' u għandu jkun post ta' dibattitu, għalkemm m'għandux ikun l-uniku wieħed, u post fejn jitkattru l-ideat, għalkemm ukoll m'għandux ikun l-uniku wieħed. Aħna lesti li, b'koperazzjoni mal-Presidenzi tal-futur, nikkontribwixxu għal dibattitu li nistgħu norganizzaw flimkien.

Prospettivi finanzjarji

Ippermettuli li issa nirreferi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-prospettivi finanzjarji, it-tieni kwistjoni kbira fl-aġenda.

Imma, qabel kollox, irrid ngħidilkom li jidhirli li hi ħaġa parzjali u limitata li nirraġunaw unikament fuq il-bażi ta' bilanċi netti baġitarji.

Dan jikkontribwixxi biex iċ-ċittadini jieħdu l-impressjoni li qed iħallsu taxxa lil speċi ta' potenza barranija li m'hu qed tagħtihom l-ebda vantaġġ.

Din hija viżjoni żbaljata, għaliex jekk aħna qegħdin flimkien hu għax jeżisti valur Ewropew miżjud u kollha kemm aħna ħadna vantaġġ kbir f'forom differenti, diretti jew indiritti, mill-kostruzzjoni Ewropea.

Ippermettuli nagħtikom eżempju, li ġie spjegat il-bieraħ fil-Parlament Ewropew minn wieħed mill-membri tal-Kummissjoni: it-tkabbir fil-prodott gross domestiku li jista' jiġi attribwit lis-suq intern fl-aħħar għaxar snin kien ta' madwar 900 000 miljun Euro. Dan jirrappreżenta bħala medja 6 000 Euro għal kull familja ta' l-Unjoni Ewropa, kif ukoll 2 500 000 impjieg ġdid.

Apparti kunsiderazzjonijiet oħra iktar jew inqas importanti, li ma jistgħux jiġu spjegati f'Euro.

Wara kollox, kif jistgħu ċ-ċittadini jħobbu lill-Ewropa jekk nispjegawlhom biss li tqumilhom ħafna flus bħala kontributuri nazzjonali?

Għalhekk, nixtieq li l-ftehim dwar il-prospettivi finanzjarji, barra l-messaġġ pożittiv li dan jibgħat f'dan il-mument, ikun il-bidu ta' riflessjoni ġdida dwar il-miri li qed nipproponu li nwettqu flimkien u r-riżorsi neċessarji biex isir dan.

Kif tafu, wara tmien xhur ta' ħidma intensa, il-Parlament adotta fil-waqt u fil-forma ġusta, u permezz ta' maġġoranza kbira ħafna, il-pożizzjoni tiegħu dwar il-prospettivi finanzjarji.

Din hija l-ewwel darba li ġara dan.

Mhux se nispjegalkom id-dettalji.

Intom familjari mar-rapport Böge daqs kemm il-Parlament Ewropew hu familjari mal-proposta tal-Kummissjoni u dik tal-Presidenza tal-Kunsill.

Il-Parlament ħa postu f'nofs it-tnejn li huma, għalkemm b'mod ċar iktar qrib il-proposta tal-Kummissjoni.

Fi ħdan il-qasam preżenti tar-responsabiltajiet tiegħu, il-Parlament Ewropew xtaq jenfasizza l-appoġġ tiegħu lil politiki tal-futur ta' l-Unjoni Ewropa, favur ix-xogħol, ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-politiki li għandhom l-għan li jiżguraw l-irwol ta' l-Unjoni fix-xenarju internazzjonali.

Il-Parlament jikkunsidra wkoll li hemm bżonn ta' iktar riżorsi għaz-zona l-ġdida ta' sigurtà u ġustizzja.

F'dawn l-oqsma jista' jinkiseb iktar il-valur Ewropew miżjud li minnu nibbenefikaw aħna kollha.

Ċertament, il-Parlament Ewropew jemmen li l-ambizzjonijiet li l-Ewropa tgħid li għandha ma jidħlux fil-limitu ta' 1% mill-prodott gross domestiku li fuqu qed jinsistu xi Stati Membri.

Issa jmiss lilkom biex tiddeċiedu dwar il-proposta tagħkom. Kunu afu li l-Parlament jixtieq li jintlaħaq qbil fil-waqt. Imma mhux kwalunkwe qbil.

U ftakru li m'hux biss il-Kunsill li jiddeċiedi dwar il-prospettivi finanzjarji. L-approvazzjoni tiegħu teħtieġ il-qbil tat-tliet istituzzjonijiet.

L-iffinanzjar tal-futur ta' l-Unjoni hu wisq importanti biex jiġi limitat għal eżerċizzju ta' kontabilità. Qed nitkellmu dwar dibattitu politiku eminenti, li se jiddetermina l-kapaċità ta' azzjoni ta' l-Unjoni fis-snin li ġejjin.

Bla dubju, mhix din l-aħħar opportunità li għandna biex napprovaw il-prospettivi finanzjarji. Imma ftakru li kull darba se tkun iktar diffiċli. U li jekk fl-aħħar ma jirnexxilniex, ikollna nħejju xorta waħda baġit għall-2007. U intom tafu wkoll x'inhu previst fit-Trattat rigward dan u xi rwol ikollu f'dan il-każ il-Parlament Ewropew.

Sinjuri Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern, ma nixtieqx nikkonkludi mingħajr ma nirringrazzja b'mod speċjali lil Jean-Claude Juncker u lill-Presidenza Lussemburgiża, li kienet preżenti fil-Parlament Ewropew b'mod permanenti permezz tal-President u tal-Ministri tagħha, is-Sinjuri Asselborn u Schmit . Dejjem kienu attenti għall-opinjoni tal-Parlament Ewropew, u urew li huma familjari b'mod eċċezzjonali ma' kwistjonijiet kumplessi ħafna, li kienu ilhom snin jistennew soluzzjoni.

Nixtieq nirringrazzjahom ta' dan quddiem kulħadd u nixtiqilhom l-isbaħ xewqat f'dawn l-aħħar sigħat qabel mal-Lussemburgu jċedi l-Presidenza tiegħu.